Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 228 :: MEJJU, 2015

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **29 ta' Mejju, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqιu naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## Dun Karm u Caruana Dingli: id-dehra ta' Maria tal-Bajd




Dun Karm u Caruana Dingli kienu kontemporanji ta' xulxin. Kemm il-Poeta Nazzjonali kif ukoll Caruana Dingli – magħruf bħala l-aqwa ritrattista tal-Imperu Ingliż – kienu żewġ personalitajiet li rriflettew, issimbolizzaw u qanqlu kontradizzjonijiet fondi li evolvew il-gżira-stat.

Dun Karm kien jemmen fl-Italjanità u Caruana Dingli kien anglofoniku. It-tnejn li huma ħtiġilhom jirrisolvu l-ossimoru ta' Malta, li mill-uġigħ tal-ħlas kellha tgħaddi għall-modernità u taqbad it-triq għal stat indipendenti.

Dun Karm għanna l-ġrajja epika u għolla l-ilsien qadim waqt li Caruana Dingli lewwen il-preżenza idillika iżda xiżmoġenetika tagħha, fi struttura eġemonika li kienet tirrifletti l-interessi imperjali.

Taħdita organizzata bi sħab bejn id-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti u l-Akkademja tal-Malti inżammet nhar is-17 ta' April 2015, f'Dar l-Ewropa, Triq San Pawl, il-Belt.

## MIT-TIEQA TAL-GĦORFA (ġrajjieti), *Karmenu Mallia*, Dom Publ., 225pp., 2014.




"Bijografija? Ġrajjiet ħajti? Sejħulha li tridu.

Ara Santu Wistin sejjaħ ir-rakkonti ta' ħajtu 'Confessiones'; Ġulju Ċesri: 'De Bello Gallico'; Jean Jacques Rousseau: 'Les Confessions'; John Henry Newman: 'Apologia Pro Vita Sua'.

Jien għamilt dak li Michelangelo, ta' ġenju li kien, għamel fix-xogħlijiet tiegħu, jiġifieri: 'Rajt anġlu fl-irħam u naqqaxtu sakemm ħlistu mill-jasar.'

Mill-jasar tal-imgħoddi tiegħi ħlist ġrajjieti biex jinqraw. Issa f'idejk."

Dal-kliem insibuh fil-qoxra ta' wara tal-ktieb ta' Karmenu Mallia, u li hu mimli mhux biss bi ġrajjiet li għadda minnhom l-awtur imma wkoll siltiet mill-Istorja ta' Malta kif għexhom hu. Hemm ukoll esperjenzi kulturali interessanti li Mallia jiddeskrivi fid-dettal.

Nittamaw u nistennew li dis-sena jidhru ż-żewġ volumi ta' esejs kulturali ta' Mallia, esejs li dehru f'diversi gazzetti Maltin dawn l-aħħar għaxar snin.

## L-AĦĦAR KURSARA TAL-ORDNI QUDDIEM L-INKWIŻITUR

### *skjav, midgħi u teżor fil-bitħa*

Il-Ħamis, 23 ta' April, 2015, saret taħdita minn Liam Gauci, b'rabta mal-wirja temporanja "L-Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta". Din inżammet fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, fis-7 pm.

Fl-aħħar żmien tal-Ordni u l-aħħar snin tal-Inkwiżizzjoni f'pajjiżna, insibu li l-kursara kienu biċċa wġigħ ta' ras għall-Inkwiżitur. Id-difensuri tal-fidi fuq il-baħar kienu mixlija b'ħafna akkużi: min kien midgħi, min kien akkużat b'sodomija kif ukoll swat żejjed fuq is-servi tiegħu, oħrajn daru għall-Iżlam biex ma jibqgħux skjavi ġewwa Tuneż. Kursar ieħor għamel xhur iffitex teżor fil-bitħa ta' daru ġewwa l-Belt. Dawn huma stejjer li bihom nitgħallmu aktar dwar din il-komunità ta' baħħara u kursara Maltin fl-aħħar tas- seklu 18.

Din it-taħdita saret bil-Malti u d-dħul għaliha kien b'xejn.

# Dizzjunarju tal-Malti għall-iskejjel – *Carmel Tabone*




L-awtur, Carmel Tabone, jgħid li qatta' 44 sena fl-iskejjel ta' l-istat. Għalkemm għallem fil-livelli kollha, anke fl-Università ta' Malta, kien dejjem għal qalbu l-livell primarju. Sa mill-bidu tas-snin sittin fis-seklu l-ieħor kien iħoss li l-istudent Malti jrid jiffaċċja nuqqasijiet biex jitgħallem l-ilsien għażiż ta' pajjiżu. In-nuqqas ta' kotba tal-lingwa, tal-grammatika u ta' dizzjunarji utli kien dejjem ixekkel it-tagħlim ta' lsienna. Huwa kien qatta' xi snin jaħseb li xi darba jagħmel dizzjunarju li t-tfal Maltin isibuh utli mhux biss għat-tifsir ta' kliem imma l-aktar biex jaraw il-kliem imħaddem fis-suriet kif intirtu mingħand missirijietna u fl-esperjenza tal-ħajja ta' kuljum. Minn dejjem emmen li t-tagħlim ta' lingwa għandu jsir f'kuntest u qatt ma seta' jara utilità ta' dizzjunarju f'idejn l-istudenti tagħna jekk mhux b'vokabularju użat f'kuntest. Huwa dejjem xtaq li jsawwar Dizzjunarju għall-Iskejjel. Għal ħafna u ħafna snin din ix-xewqa baqgħet ħolma. Imma l-ħolm jagħti l-ħajja, iqawwi l-qalb u jsaħħaħ il-ħsieb. Aktar ma bdew għaddejjin is-snin aktar kien immaħħaħ kif irid ifassal id-dizzjunarju li kellu f'moħħu u li ried joħloq biex uliedna jitgħallmu jiktbu l-kelma Maltija kif għandha tkun. Imma mhux biss kif tinkiteb il-kelma, imma wkoll kif tkun imħaddma bl-użu eżatt u bit-tiżjin xieraq biex jintroqom il-ħsieb. Carmel qal li jisħaq li t-tagħlim ta' lingwa-vokabularju, espressjonijiet u qwiel, għandu jkun imsawwar f'kuntest. Lsienna m'hu xejn anqas minn xi lsien barrani li ħallatna ma' tagħna u aktar milli nuru għerfna qegħdin nagħmlu minn kollox biex inkissru żewġ ilsna.

Dr Tania Muscat, Dipartiment tal-Primarja, Fakultà tal-Edukazzjoni qalet, "Wara s-sensiela tal-kotba Klikk li toffri taħriġ fil-lingwa Maltija msejjes fuq l-erba' ħiliet, issa l-awtur Carmel Tabone qed jippreżenta Dizzjunarju tal-Malti għall-iskejjel. Bħala lekċerer tal-pedagoġija tal-Malti fil-livell primarju, inħoss li l-preġju ta' din il-biċċa xogħol joħroġ bil-mod kif Tabone irnexxielu jdomm u jippreżenta dizzjunarju għat-tfal b'differenza. B'liema mod irnexxielu jagħmel dan? Bi pjaċir ninnota li għal darb'oħra, l-istess kif wera fix-xogħlijiet ippubblikati qabel, kif ukoll fil-prattika fl-iskejjel Tabone jħaddan il-prinċipju li t-taħriġ fil-lingwa b'mod ġenerali, u dak tal-Malti b'mod partikolari, irid ikun ibbażat fuq il-kuntest u l-istrutturi tal-lingwa li diġà jħaddmu l-kelliema nattivi. Hekk jgħid fis-silta awtobijografika li nsibu mal-ewwel paġni '...nagħmel dizzjunarju li t-tfal Maltin isibuh utli mhux biss għat-tifsir tal-kliem imma l-aktar biex jaraw il-kliem imħaddem fis-suriet kif intirtu mingħand missirijietna u fl-esperjenza fil-ħajja ta' kuljum.' (p. 7).

Din it-tfittxija u dan l-impenn sibthom f'dan id-dizzjunarju u nistqarr li bħala edukatriċi u bħala waħda li nħobb l-Ilsien Malti napprezza l-ħila li biha Tabone sensel u żewwaq din il-ġabra estensiva ta' kliem. Kliem magħruf, kliem xi ftit stramb, kliem li għandu aktar minn tifsira waħda, kliem li jorbotna mal-imgħoddi daqskemm ma jonqsux kliem ġodda li jixhdu l-prospetti tal-ġejjieni minħabba ż-żieda fit-tlaqqigħ tal-lingwa ma' lingwi oħra, ħtiġijiet ġodda jew differenti li qed jinħassu fis-soċjetà u l-firxa mgħaġġla u wiesgħa tat-teknoloġija u l-informatika. Għalija, fost il-merti li ħaqqu Tabone għal din il-biċċa xogħol, l-aktar tnejn importanti huma li ħareġ b'dizzjunarju aġġornat li jiswa lil min jikteb bil-Malti jew għandu interess li jitgħallem il-Malti u li sawwar dan d-dizzjunarju bil-ħsieb li jkun addattat għat-tfal tal-primarja minn tmien snin 'il fuq.

Nixtieq nifraħ lil Tabone għal din il-pubblikazzjoni u ninsab konvinta li ser naraha fi ftit tax-xhur li ġejjin issib postha fil-libreriji tal-iskejjel u tad-djar Maltin għax hija riżorsa utli f'idejn l-istudenti u l-għalliema għat-tagħlim tal-ilsien nattiv. Iżda mhux biss, fi żmien fejn l-edukazzjoni f'Malta tinsab f'salib it-toroq kif tixhed l-etnografija tal-klassi, illum qed jikber in-numru ta' tfal barranin/migranti fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex li għandhom il-ħtieġa li jitgħallmu l-Malti. Dan id-dizzjunarju huwa ktieb f'waqtu għaliex jista' jkun ta' għajnuna wkoll għalihom, kif tisħaq wara kollox il-politika nazzjonali għal-litteriżmu biex ifittxu jsiru jafu ilsienna ħalli jħossuhom miluqgħa u inklużi."

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm **f'Settembru** fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Paul Vella, 4 Legh St, Reservoir, Victoria, 3073** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibagħtu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lili: **paul.vella44@gmail.com** qabel l-aħħar ta' Ġunju.


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# Stqarrija għall-istampa dwar il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda tal-Malti – Università




Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda tal-Malti – Università qed jorganizzaw it-tieni edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li se jsir fl-5-6-7 ta' Mejju 2015. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma: 09:00 – 15:00 u 19:00 – 21:30.

Dan il-Festival jagħti lok lill-pubblikaturi u distributuri Maltin jippromwovu l-materjal tagħhom ma' udjenza matura, fosthom studenti universitarji. Minbarra l-bejgħ ta' kotba jkun hemm ukoll programm varjat ta' attivitajiet, bl-għan li l-letteratura nippromovuha fis-sħuħija tagħha, u mhux biss bħala prodott li jinxtara.

Fost l-attivitajiet, se jkun hemm żewġ intervisti mal-awturi Walid Nabhan u Pierre J. Mejlak, it-tnejn rebbieħa ta' premji prestiġjużi. Matul it-tlett ijiem tal-Festival, se jkun hemm ukoll dawriet iggwidati mal-Librerija tal-Università u għadd ta' kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet oħra, fosthom għaqdiet studenteski bħall-KSU. Il-programm sħiħ joħroġ fil-jiem li ġejjin, u l-pubbliku jista' jsegwi l-aħħar aġġornament mill-attività fuq Facebook:

www.facebook.com/events/1617871398434808/

Il-pubblikaturi u d-distributuri preżenti huma Faraxa Books, Horizons, SKS, u Sierra Book Distributors, u wħud minnhom qed jorganizzaw xi attivitajiet. Ikun hemm ukoll stand tal-organizzaturi, jiġifieri tal-Għaqda tal-Malti – Univeristà u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, minn fejn wieħed ikun jista' jikseb aktar tagħrif.

Għal iktar tagħrif jew intervisti iktbu lil Maria Muscat fuq maria.e.muscat@gov.mt

# METAMORFOSI — *IT-TNEDIJA*




Wara proċess ta' riċerka u kitba kreattiva, nhar l-24 ta' April saret it-tnedija tal-pubblikazzjoni metamorfosi, fit-Teatru Salesjan, Triq Howard, Tas-Sliema. Din il-pubblikazzjoni bdiet tinħema fil-ħamsin sena mill-mewt ta' Briffa, li flimkien ma' Ġużè Bonnici waqqaf l-Għaqda tal-Malti – Università. Wara proċess ta' familjarizzazzjoni ma' xogħlijiet Briffa, erba' kittieba emerġenti (Sylvana Bugeja, Theresa Abdilla, Elena Stilon u Maria Vella) ħadmu mal-artisti Ryan Falzon (pittur), Manoel Pirotta (maestro), Marta Vella (attriċi) u Francesca Cassar (ballerina). Ix-xogħlijiet finali se jkunu qed jidhru fil-pubblikazzjoni, flimkien ma' kitbiet oħra ta' xeħta akkademika. Il-proġett ġie dokumentat b'ritratti ta' Gilbert Calleja.

Dakinhar tat-tnedija fit-Teatru Salesjan wieħed kien jista' jesperjenza x-xogħlijiet ta' dawn l-artisti, jiltaqa' magħhom, u jixtri l-pubblikazzjoni għal prezz speċjali li tinkludi wkoll għadd ta' kitbiet ġodda dwar Briffa. Din kienet esperjenza li wieħed ma kellux jitlifha. It-tnedija bdiet fis-7.30pm u gruppi differenti ġew imdaħħla f'ħinijiet diversi sabiex jimxu matul it-teatru u jieħdu dewqa ta' dawn ix-xogħlijiet. Wara kien hemm xi tnaqqir u xorb.

Ħajr lill-Fond Malti għall-Arti, Premju tal-President għall-Kreattività, l-Università ta' Malta, il-Librerija tal-Università ta' Malta, it-Teatru Salesjan (skema SARP), Merlin, l-Akkademja tal-Malti, u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università. Dan il-proġett kien endorsed mill-Fondazzjoni Valletta 2018.

Aktar tagħrif dwar il-proġett: www.ghaqdatalmalti.org/metamorfosi.htm

L-attività fuq Facebook: www.facebook.com/events/447222998763634/

# XEWQAT TA' FEJQAN MALAJR

F'dawn l-aħħar jiem is-Segretarja tagħna, is-Sinjura RJar għal operazzjoni. Aħna kellimniha kemm-il darba u qaltilna li ġejja għall-aħjar. Il-President, il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lil Rosemary fejqan ta' malajr u nisperaw li narawha magħna ma ndumux. Rosemary, inwegħduk li inti dejjem fil-ħsieb u t-talb tagħna.

# NIXTIEQU NARAW MEMBRI ĠODDA

Jekk tkunu tafu lil xi ħadd li jħobb il-lingwa Maltija, kemm jekk jikteb xi proża jew poeżija jew forsi jħobb jaqra jew jisma' l-Malti, ippruvaw ħajruhom biex isiru membri magħna. Nixtiequ naraw membri ġodda jingħaqdu magħna. Jekk hawn xi ħadd li forsi qed jaqra dan il-Fuljett, aħna niltaqgħu kull l-aħħar Gimgħa tax-xahar fil-*Boardroom* taċ-Ċentru Malti, fis-7.30 pm. Kull ma tridu tagħmlu hu li tiġu u tingħaqdu magħna. Nafu żgur li tieħdu gost. Narawkom hemm.

**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg, Patrick Sammut u Leanne Ellul u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**